MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 949/2011

**Sterling Car Rentals Ltd**
**C 9362**

**Vs**

**Giulio Zarb**
**I.D. 657757M**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta' Novembru, 2011 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u sittin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€661.92) liema ammont huwa dovut mill-konvenut in konnessjoni mal-kirja ta' vettura ghall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Marzu, 2010 u s-16 ta' April 2010 inkluz provvista ta' fuel u danni kagonati fuq il-vettura waqt li kienet mikrija lill-konvenut.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqgha inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-ittra bonarja datati 26 ta' Jannar, 2011 u 15 ta' Lulju, 2011 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-effettiv pagament u bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi izda deher ghas-seduta tal-1 ta' Dicembru, 2011 fejn informa lit-Tribunal illi huwa jaccetta li ghandu jghati s-somma mitluba lis-socjeta attrici u talab li jhallas b'rati mensili ta' Euro50. Pero la deher ghas-seduta tat-2 ta' Frar, 2012 u lanqas ghas-seduta tad-29 ta' Frar, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta tad-29 ta' Frar, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat u stante illi kien il-konvenut stess li ammetta mat-Tribunal li huwa ghandu jghati dan l-ammont, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u sittin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€661.92) bl-imghax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll .

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------